**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/62/18/S

Alfred Micallef Somerville
vs
Michael Attard Imports Limited

Illum, 21 ta' Marzu 2019

It-Tribunal:

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fil-27 ta' Marzu 2018 u r-Risposta ppreżentata fis-17 ta' April 2018;
Ra d-dokumentazzjoni ippreżentata, sema' x-xhieda kollha, sema' lill-partijiet u t-trattazzjonijiet relattivi, u ra li fis-seduta tas-7 ta' Frar 2019, il-każ tħalla għas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-Avviż tat-Talba, ir-rikorrent qiegħed jitlob is-somma ta' disa' mitt Ewro (€900.00) stante li meta huwa xtara vettura tal-għamla u mudell *Peugeot 3008*, ċerti *safety features* deskritti bħala "*AEBS*" u "*DAS*" ma kinux inklużi minkejja li skont il-*website* tad-ditta f'Malta u skont il-*websites* tad-ditta *Peugeot* madwar id-dinja, dawn is-*safety features* huma *standard* għall-mudell relattiv.

Illi permezz tar-Risposta, is-soċjetà intimata eċċepiet li t-talba tar-rikorrent hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li dak li ġie allegat huwa inveritier.

Illi qabel xejn, id-dokumentazzjoni ippreżentata mir-rikorrent, senjatament id-dokument "AM1", spjega li "*AEBS*" tfisser "*Automatic Emergency Braking System*" u "*DAS*" tifsser "*Distance Alert System*". Għalkemm fid-dokument "AM1" ippreżentat mir-rikorrent hemm imniżżel li s-sistemi "*AEBS*" u "*DAS*" huma "*standard on all versions*", it-Tribunal josserva li m'hemm ebda indikazzjoni relattivament għad-data meta r-rikorrent aċċessa din l-informazzjoni. Madankollu, it-tielet paġna tad-dokument "AM1" hija ritratt ta' *screen* ta' kompjuter, liema ritratt bilkemm jinqara,

li jirrepeti li dawn iż-żewġ sistemi huma "*standard on all versions*". Għalkemm il-karta relattiva turi li dan ir-ritratt ġie ipprintjat fit-22 ta' Ġunju,2018, xorta waħda t-Tribunal ma jista' jara ebda indikazzjoni relattivament għal meta ittieħed ir-ritratt tal-*iscreen*.

Illi d-dokument "AM3" ippreżentat mir-rikorrent, għal darb' oħra juri deskrizzjoni tas-sistemi relattivi iżda t-Tribunal għal darb' oħra josserva li m'hemm ebda indikazzjoni ta' meta ġiet aċċessata din l-informazzjoni.

Illi mix-xhieda ta' Joe Burlo u ta' Adrian Scicluna Calleja, sar magħruf li r-rikorrent xtara *Peugeot 3008* tal-mudell "*Active*" għall-prezz ta' seba' u għoxrin elf u ħames mitt Ewro (€27,500.00) u li s-sistema "*AEBS*" mhix sistema *standard* li tinbiegħ inkluża fil-prezz iżda hija *option* li għaliha x-xerrej jista' jiġi mitlub iħallas iktar flus.

Illi s-soċjetà intimata ippreżentat dokument "ASC1" li jinkludi t-*terms and conditions* fil-verżjoni tal-*website* ta' Malta. Essenzjalment, il-parti rilevanti tat-termini u kundizzjonijiet tgħid li għalkemm is-soċjetà intimata tagħmel mill-aħjar sabiex dak deskritt fl-istess *website* ikun kompletament korrett, ma setgħetx tingħata garanzija assoluta li l-kontenut tal-*website* ikun kompletament korrett.

Illi s-soċjetà intimata ippreżentat *specification sheet* immarkata dokument "JB1" li ma tindikax li s-sistemi "*AEBS*" u "*DAS*" huma *standard* fuq il-verżjoni "*Active*" tal-vettura. Dan stabbilit, it-Tribunal jinnota wkoll li x-xhud Joe Burlo qal li jista' jkun hemm differenzi bejn *specification sheet* mogħtija f'data partikolari u oħra mogħtija, per eżempju, xahrejn wara.

Illi t-Tribunal jinnota diversi difetti fix-xhieda prodotta. Fir-rigward tar-rikorrent, it-Tribunal josserva li skont ix-xhieda tiegħu stess, dan ikkonkluda li l-vettura m'hix attrezzata b'dawn is-sistemi billi għamel prova huwa stess meta hu u jsuq, avviċina xi ostakolu quddiemu u nduna li l-vettura ma tatu ebda twissija. Oltre li huwa irresponsabbli għall-aħħar li wieħed jagħmel dawn il-provi huwa stess, it-Tribunal josserva li r-rikorrent seta' biss jasal għal konklużjoni bħal din wara li talab jew lis-soċjetà intimata jew lil xi professjonist li jifhem f'dawn is-sistemi sabiex janalizza l-vettura u jinfurmah jekk għandux dawn is-sistemi fil-vettura tiegħu. Ir-rikorrent ma ġab ebda prova li huwa ħa l-vettura għand is-soċjetà intimata jew għand persuna li tifhem

li għamlet analiżi dettaljat ta' livell xjentifiku li wasslitha biex tikkonkludi li l-vettura ma kellhiex dawn is-sistemi.

Illi t-Tribunal josserva n-nuqqas ta' ċarezza relattivament għad-dati meta ttieħdu *screenshots* jew *print-outs*. L-unika referenza għal dan fix-xhieda tar-rikorrent kienet meta dan xehed li "*xi xahar*" wara li huwa xtara l-vettura, is-soċjetà intimata biddlet il-kontenut tal-*website* tagħha wara li huwa irreġistra l-ilment tiegħu magħha. Tenut kont tal-fatt li s-soċjetà intimata kienet pjenament ċara dwar li jista' jkun li l-kontenut tal-*website* ma jkunx preċiż, it-Tribunal josserva li r-rikorrent ma kellux jinterpreta dak li jinsab fuq il-*website* bħala verità assoluta, iżda messu ivverifika mas-soċjetà intimata stess.

Illi meta wieħed javvanza minn stadju ta' sempliċi *browsing* fuq l-*internet* fil-*website* tas-soċjetà intimata għal stadju ta' iktar serjetà meta jżur il-post tan-negozju u jitkellem mar-rappreżentanti tas-soċjetà intimata, ċertament li huwa messu staqsa għal lista tal-attrezzamenti *standard* tal-vettura u mhux straħ biss fuq dak muri fuq il-*website*. Hija ħaġa loġika li xerrej prospettiv jitlob lill-bejjiegħ jagħtih lista eżawrenti tal-attrezzamenti tal-vettura. Inoltre, it-Tribunal għal darb' oħra josserva li s-soċjetà intimata kienet ċara fuq il-fatt li ċerti affarjiet jistgħu jinbidlu minn żmien għal żmien. Għalhekk, huwa indiskuss li x-xerrej, jew xerrej prospettiv, għandu dejjem ifittex l-aħħar informazzjoni mhux minn *website*, iżda mir-rappreżentanti fiżiċi tas-soċjetà intimata. Wara kollox, dan ma kienx kuntratt li ġie konkluż purament *online* tramite l-*internet*, iżda kuntratt li ġie konkluż fil-post tan-negozju tas-soċjetà intimata, liema post ir-rikorrent żar.

Illi relattivament għall-ammont mitlub, jiġifieri l-ammont ta' disa' mitt Ewro (€900.00), it-Tribunal josserva li r-rikorrent ma spjegax kif wasal għal dak l-ammont. Għalhekk, huwa ferm diffiċli għat-Tribunal li jifhem minn fejn dik il-figura ssib sostenn.

Illi inoltre, ir-rikorrent jagħmel *statement* meta jallega li kull *website* tad-ditta *Peugeot* fl-Ewropa tinkludi s-sistemi "*AEBS*" u "*DAS*" bħala attrezzamenti *standard*. Anki jekk huwa żar kull *website* tad-ditta *Peugeot*, xorta waħda ma ressaq ebda prova ta' dan.

Illi għalhekk, it-Tribunal ma jinsabx konvint li t-talbiet tal-attur jimmeritaw li jiġu milqugħa partikolarment meta ma giex kontestat il-kuntratt ta' bejn il-partijiet.

Deċide

Għaldaqstant, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li sema' lill-partijiet, wara li ħa konjizzjoni tal-provi kollha, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrent u jilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà intimata.

It-Tribunal jordna li kull parti għandha tħallas l-ispejjeż relattivi.

Richard Sladden Av.
ARBITRU